# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors numru 39/12/1 FDP**

**Peter Paul Cutajar**

**v.**

**Avukat Ġenerali, Awtorita` tal-Artijiet u Awtorita` tad-Djar**

1. L-attur għandu l-kirja tal-fond bl-indirizz "Palazzo Tonna", 57, Main Street, Siggiewi, liema proprjeta` kienet proprjeta` tal-Knisja, qabel ma ġiet trasferita lill-Gvern fl-1992. Dan il-fond igawdi minn ġnien b'siġar tal-lariġ li l-attur u l-awturi tiegħu qablu kienu jsaqqu minn spiera li tinsab f'raba' viċin tal-ġnien li kienet qed tinħadem mill-ġenituri tiegħu, liema raba' wkoll kienet ġiet trasferita lill-Gvern. Wara li l-proprjeta` ġiet trasferita lill-Gvern l-Awtorita` tad-Djar bdiet proċeduri kontra l-attur u ommu Felicia Cutajar sabiex jiġi dikjarat li kienu qed jokkupaw l-artijiet

numru 40B u 40A, u ċioe` r-raba' fejn kien hemm l-ispiera msemmija, illegalment u konsegwentement jiġu żgumbrati minn dawn l-artijiet. Dawn it-talbiet ġew milqugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' żewġ sentenzi datati 24 ta' Frar 2009 fl-atti tal-kawża numru 971/2001 (kontra l-attur) u dik numru 972/2001 (kontra ommu). Dawn is-sentenzi ġew ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011.

2. Qabel ma ġew intavolati l-kawżi msemmija, u ċioe` fil-11 ta' Settembru 1996, omm l-attur, Felicia Cutajar, applikat sabiex takkwista l-fond bl-isem Palazzo Tonna abbażi ta' skema maħruġa mill-Gvern. It-talba tagħha kienet ġiet irrifjutata u għalhekk hija kienet intavolat proċeduri ġudizzjarji kontra l-Uffiċċju Konġunt permezz ta' liema talbet lill-Qorti sabiex tordna li dan il-fond jinbiegħ lilha (Rik. Ġur. 619/2008). Din it-talba kienet ġiet miċħuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2009 wara li l-Qorti kkonsidrat li dan il-fond ma kienx jaqa' taħt l-iskema tal-Gvern għaliex kien akbar mid-daqs massimu ta' 270mk stabbilit fl-iskema. Din is-sentenza kienet ġiet sussegwentement ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April 2012.

3. Permezz ta' dawn il-proċeduri l-attur qiegħed jilmenta li huwa sofra ksur tad-drittijiet tiegħu hekk kif sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex hu u ommu kienu akkwistaw drittijiet fir-rigward tal-art fejn hemm l-ispiera li issa l-Gvern qed jirrifjuta li

jirrikonoxxi u għaliex huwa kellu u għandu aspettattiva leġittima li jsir sid id-dar in kwistjoni fid-dawl tal-iskema maħruġa mill-Gvern.

4. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "(1) tiddikjara li kien hemm vjolazzjoni tal-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fiż-żewġ każi hawn fuq imsemmija
>
> (2) tagħtih rimedju effettiv f'kull każ
>
> (3) tagħtih kumpens xieraq għad-danni sofferti".

5. L-Awtorita` tad-Djar eċċepiet, *inter alia,* li din il-kawża hija affront serju għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja u abbuż tas-sistema ġudizzjarja, li l-fatti kollha mertu ta' dawn il-proċeduri diġa` ġew deċiżi kontra l-attur b'mod definittiv, li huwa m'għandu l-ebda titolu fuq l-ispiera, li l-protezzjoni mogħtija mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta ma tapplikax fejn il-proprjeta` tkun tal-Gvern, u li l-fatt li ommu ħallset biex tintavola applikazzjoni għax-xiri tal-proprjeta` taħt l-iskema msemmija ma jfissirx li għandu xi dritt akkwiżit fuq l-art mertu tal-każ.

6. L-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt[1] eċċepew, *inter alia,* illi din il-kawża hija manifestament frivola u vessatorju għaliex il-fatti mertu tagħha huma deċiżi permezz ta' sentenzi *res judicata*, li l-art fejn hemm l-ispiera la hi u lanqas qatt ma kienet mikrija lill-attur u/jew lil ommu

[1] Illum sostitwit mill-Awtorita` tal-Artijiet.

iżda kienet qed tiġi okkupata llegalment minnhom, u li, fir-rigward tal-ilment dwar ix-xiri tad-dar, l-attur m'għandu l-ebda possediment tutelabbli ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex ma kien hemm l-ebda garanzija jew aspettativa leġittima li l-applikazzjoni ntavolata minn ommu tiġi aċċettata.

7. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-19 ta' Mejju tal-2021 ġie deċiż hekk:

> "Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;
>
> Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet kollha;
>
> Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;
>
> Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:
>
> Tiċħad it-talbiet kollha rikorrenti.
>
> Tiddikjara l-proċeduri odjerni bħala frivoli u vessatorji skond l-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
>
> Spejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent".

8. L-attur preżenta rikors tal-appell tiegħu mis-sentenza msemmija fl-4 ta' Ġunju 2021 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet tad-19 ta' Ġunju 2020 u tirrevoka wkoll is-sentenza appellata, u minflok tilqa' t-talbiet kollha tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

9. L-Awtorita` tad-Djar preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fis-16 ta' Ġunju 2021 permezz ta' liema ssottomettiet illi s-sentenza appellata hija inappellabli ai termini tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell fl-intier tiegħu, tiddikjarah bħala wieħed frivolu u vessatorju u għalhekk tapplika l-provvedimenti opportuni.

10. L-Awtorita` tal-Artijiet preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-18 ta' Ġunju 2021 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti tiddikjara l-appell odjern irritu u null a tenur tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u fin-nuqqas sabiex tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

11. L-Avukat tal-Istat preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fil-21 ta' Ġunju 2021 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Ikkonsidrat;**

**Il-validita` tal-appell odjern**

12. Peress illi l-Awtorita` tal-Artijiet u l-Awtorita` tad-Djar ressqu eċċezzjoni li tolqot proprju l-validita` ta' dan l-appell, din il-Qorti tqis illi għandha l-ewwel nett teżamina u tiddetermina din l-eċċezzjoni.

13. L-Awtorita` tad-Djar targumenta illi l-fatti li jifformaw il-mertu ta' dawn il-proċeduri diġa` ġew deċiżi permezz ta' deċiżjonijiet *res judicata* tal-Qorti tal-Appell u kien proprju dan li wassal lill-ewwel Qorti sabiex tiddikjara li r-rikors kostituzzjonali tal-attur huwa frivolu u vessatorju. Targumenta li l-ewwel Qorti studjat il-proċess voluminuż ta' din il-kawża bir-reqqa u kien għalhekk li setgħat tasal għall-konklużjoni li l-ilment tal-attur huwa frivolu u vessatorju. Skont l-Awtorita` tad-Djar ir-rikors promotur kien frivolu u vessatorju ai termini tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni, u aktar u aktar huwa frivolu u vessatorju l-appell odjern.

14. L-Awtorita` tal-Artijiet targumenta li dan l-appell huwa irritu u null a tenur tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni in kwantu l-ilment tal-attur ġie dikjarat frivolu u vessatorju mill-ewwel Qorti. Targumenta li l-ewwel Qorti għamlet analiżi dettaljata tal-proċess u mmotivat sew id-deċiżjoni li l-ilment tal-attur huwa frivolu u vessatorju.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

15. L-Awtorita` tad-Djar u l-Awtorita` tal-Artijiet jikkontendu illi dan l-appell huwa null peress illi fid-deċide l-ewwel Qorti ddikjarat illi l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja ai termini tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirrileva illi peress li l-ilment tal-

attur kien ibbażat biss fuq l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea l-artikolu applikabbli għal dawn il-proċeduri mhuwiex l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni iżda l-Artikolu 4(5) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Dan pero` m'għandu l-ebda mpatt fuq il-validita` tas-sentenza appellata peress illi dawn iż-żewġ artikoli huma identiċi. L-Artikolu 4(5) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, eżattament bħal l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni, jipprovdi illi ma jista' jsir l-ebda appell minn deċiżjoni li talba jew referenza tkun sempliċement frivola jew vessatorja.

16. F'dan il-każ l-ewwel Qorti ma ddikjaratx illi l-proċedura bħala sempliċement frivola jew sempliċement vessatorja iżda ddikjarat illi l-proċeduri ntavolati mill-appellant huma "frivoli u vessatorji." Il-Qorti għalhekk tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmen Micallef v. Prim'Ministru et** (Kost., 24/10/2005) fejn ġie spejgat hekk f'ċirkostanzi simili:

> "Issa ma hemmx dubbju li fid-deċide l-ewwel Onorabbli Qorti esprimiet ruħha bl-aktar mod ċar u inekwivoku dwar li l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti (illum appellanti permezz ta' Joseph Micallef) kienet mhux biss frivola jew vessatorja (għax il-waħda jew l-oħra huma biżżejjed skond is-subartikoli (5) aktar 'l fuq imsemmija) iżda addirittura frivola u vessatorja. Huwa veru li l-ewwel Qorti ma wżatx il-kelma "sempliċement", pero` din il-Qorti hi tal-fehma li s-sens kollu tad-deċide u li l-kwistjoni sollevata kienet effettivament sempliċement frivola u vessatorja.
>
> […]
>
> …l-intenzjoni tal-legislatur, meta fassal is-subartikoli (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, kienet proprju li meta l-Prim Awla tiddikjara li xi talba jew xi kwistjoni li tkun tqanqlet kienet "sempliċement frivola jew vessatorja", id-dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni ma jibqax jeżisti. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa diversi

> sentenzi li jitrattaw dawn is-subartikoli – 46(5) u 4(5)… u minnhom jemerġi ċar il-prinċipju li bħala regola, u sakemm ma jkunx hemm x'jindika b'mod impellenti li għandu jsir il-kuntrarju, id-deċiżjoni tal-Prim Awla li talba miġjuba quddiemha jew kwistjoni li tkun tqanqlet hija frivola jew vessatorja hija ta' ostakolu għal xi forma ta' appell minn dik is-sentenza għal quddiem din il-Qorti".

17. L-appellant isostni illi ladarba l-ewwel Qorti kkonsidrat il-mertu tal-kawża tiegħu allura hemm dritt ta' appell. Din il-Qorti tqis pero` l-fatt illi l-ewwel Qorti daħlet fil-mertu biex tiddetermina li l-kawża ntavolata mill-attur hix frivola u/jew vessatorja ma jfissirx li b'daqshekk id-determinazzjoni tal-Qorti tilfet l-effett tagħha. L-ewwel Qorti kienet qed tagħmel id-dover tagħha meta eżaminat l-ilment tal-attur fil-mertu, u dan l-eżami magħmul minnha wassalha għall-konklużjoni illi l-kawża ntavolata minnu ma kinitx biss frivola iżda kienet ukoll vessatorja.

18. Għalkemm l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ma mmotivatx id-deċiżjoni tagħha li l-kawża tiegħu hija frivola u vessatorja, qari tas-sentenza appellata juri li dan l-argument huwa manifestament infondat. Apparti illi għamlet konsiderazzjonijiet finali dwar id-dikjarazzjoni tagħha li l-ilment miġjub quddiemha kien frivolu u vessatorju, il-konsiderazzjonijiet magħmula minnha tul is-sentenza juru b'mod ċar u ma jħallu l-ebda dubbju f'għajnejn din il-Qorti illi l-ewwel Qorti kienet qed tqis l-ilment bħala wieħed frivolu u vessatorju għar-raġunijiet minnha spjegati. Hekk per eżempju, fir-rigward tal-ilment tal-attur dwar l-ispiera tal-ilma, l-ewwel Qorti kkonsidrat hekk:

> “61. Kieku l-Qorti kellha taċċetta l-argument tar-rikorrent, naslu fl-assurdita’ illi persuna jista japppropria għalih kwalsiasi tip ta’ propjeta mingħajr ebda titolu u, sussegwentement, meta terġa’ tittieħed lura minn min legalment huwa s-sid, jippretendi kumpens għax id-drittijiet fundamentali tiegħu ġew leżi.
>
> 62. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi tali assurdita’ legali ma hija ser issib ebda konfort minn dina l-Qorti w hija turija ċara tal misinterpretazzjoni u tgħawwiġ intenzjonat illi qed isir ta’ drittijiet fundamentali li qed jiġu abbużati w maltrattati għal benefiċċju ta’ lukru ta’ individwi”.

19. Fil-konsiderazzjonijiet finali tagħha l-ewwel Qorti mbagħad ikkonsidrat hekk:

> “74. Il-Qorti tirrileva li jidher ċar illi l-proċeduri Kosituzzjonali, fil-każ odjern, ma intużawx sabiex jiġi protett dritt fundamentali illi r-rikorrent jippretendi ili għandu, iżda intuża prinċipalment bħala għodda għar-rikorrent sabiex ikompli jipprova jakkwista d-dar 57, Main Street, Siġġiewi mingħand il-Gvern u juża l-kawża odjerna bħala theddida kontra tiegħu”.

20. Id-diċitura tas-sentenza appellata tagħmilha ċara li l-ewwel Qorti kienet qed tikkonsidra l-ilment tal-attur bħala wieħed frivolu u addirittura vessatorju għaliex ibbażat fuq “assurdita” legali u li l-attur kien qiegħed jabbuża minn dawn il-proċeduri kostituzzjonali bl-iskop li jisforza jdejn il-Gvern biex tgħaddi tiegħu.

21. Mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kwistjoni, ġaladarba dan ikun imur kontra l-vot tal-liġi fl-Artikolu 4(5), u wara li rat l-atti ta’ din il-kawża l-Qorti tqis illi huwa ċar li l-attur qiegħed jipprova juża l-Qrati kostituzzjonali bħala Qrati tat-tielet grad b’mod li manifestament mhuwiex permess skont il-liġi u l-ġurisprudenza. L-ilment tal-attur jaqra daqslikieku mhux diġa` ngħataw sentenzi *res judicata* fir-rigward tal-ispiera u l-akkwist tad-dar

mikrija minnu, u dan minkejja li fl-ebda ħin ma lmenta li dawn id-deċiżjonijiet huma tant manifestament arbitrarji jew illoġiċi li jmorru kontra d-dettami tad-dritt għal smigħ xieraq. Għalhekk din il-Qorti hija moralment konvinta li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti għandha tiġi rispettata. Minn dan isegwi li l-appell odjern huwa null ai termini tal-Artikolu 4(5) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

22. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar u l-Awtorita` tal-Artijiet qed tiġi milqugħa.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` tad-Djar u l-Awtorita` tal-Artijiet, għaldaqstant tiddikjara l-appell odjern irritu u null ai termini tal-Artikolu 4(5) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu kollha mill-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm